**Studji Soċjali għat-3, ir-4, il-5 u s-6 Sena Primarja**

# Kif nieħdu l-aħjar benefiċċji mill-proġetti tal-Istudji Soċjali

## (faq – *frequently asked questions*)

1. **F'liema snin jistgħu jsiru l-proġetti bħala parti mis-sillabu tal-Istudji Soċjali?** Il-proġetti ddaħħlu bħala parti mix-xogħol li jista' jsir fl-Istudji Soċjali mit-Tielet sas-Sitt Sena Primarja.

2. **X'inhu l-iskop tal-proġett fl-Istudji Soċjali?** L-iskop ewlieni huwa li nħajru lill-istudenti biex jipparteċipaw fir-riċerka dwar it-temi marbuta tal-Istudji Soċjali. Fil-metodi tradizzjoanli ta' tagħlim, l-għalliema kienu jagħmlu r-riċerka kollha huma, imbagħad jgħaddu l-informazzjoni lill-istudenti waqt il-lezzjonijiet. Xogħol l-istudent kien biss li jiftakar kemm jista' minn dak li jgħallmu l-għalliem. Bir-riorganizzazzjoni li daħlet fl-Istudji Soċjali minn Settembru 2014 qegħdin inħeġġu lill-istudenti kollha mit-Tielet sas-Sitt Sena Primarja biex jipparteċipaw fir-riċerka tal-lezzjonijiet tal-Istudji Soċjali.

3. **X'nifhmu bil-kelma 'riċerka' fil-kuntest tal-iskola primarja?** Ir-riċerka tista' tkun waħda jew taħlita minn: intervisti, tiftix mill-Internet, qari ta' pubblikazzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, tal-Parroċċi u ta' għaqdiet lokali, osservazzjonijiet u ġbir ta' data fl-ambjent ta' madwarna, u tiftix ta' stampi.

4. **Il-proġett għandu jsir id-dar jew l-iskola**? L-għalliema huma d-diretturi tal-loġistika kollha li biha jinħadem il-proġett. Nissuġġerixxu taħlita ta' attivitajiet li jinkludu laqgħa/t mal-ġenituri biex niddiskutu kif jistgħu jgħinu lit-tfal tagħhom, *circle time* mal-istudenti fejn jiġi diskuss il-proġett u r-riċerki li se jsiru jew ġa saru, ideat kif niżviluppaw l-ideat li jkollna, fejn nistgħu nsibu iktar sorsi ta' tagħrif. Għalhekk hemm taħlita ta' attivitajiet li jistgħu jalternaw bejn l-iskola u d-dar u li kollha jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-iskopijiet tal-proġett. Ikun tajjeb kieku l-istudenti jingħataw linji gwida dwar il-proċess ta' kif jibnu l-proġett, minn fejn jibdew u kif għandhom imexxu. Ikun ta' benefiċju kieku kull tant ġranet l-istudenti jkollhom l-opportunità li jaqsmu mal-għalliema dak li jkunu qed jagħmlu fil-proġett u jieħdu *feedback* biex ikomplu jibnu u jtejbu dak li jkunu qed jagħmlu.

5. **Il-ġenituri għandhom jgħinu fil-proġett**? Il-ġenituri għandhom jagħmlu differenza bejn, li lill-uliedhom jagħmlulhom il-proġett huma, u bejn li jinteressaw ruħhom f'dak li jkunu qegħdin jagħmlu uliedhom u jsegwuhom. Tal-ewwel hija ħażina, tat-tieni hija tajba ħafna. Ta' min ifaħħar lill-ġenituri li jiddiskutu l-proġett ma' uliedhom, jinkoraġġuhom, jagħtuhom l-ideat, joħorġuhom jieħdu r-ritratti. Jagħmlu ħażin dawk il-ġenituri li jdaħħlu f'uliedhom sens ta' pika ma' sħabhom. Il-ġenituri għandhom jikkollaboraw mal-għalliema fit-tagħlim tat-tfal tagħhom. Għalhekk l-għalliema jipprovdu l-istruttura u l-metodu kif isir dan il-proġett fil-waqt li l-ġenituri jipprovdu r-riżorsi neċessarji biex jibnu l-proġett.

6. **Kif għandha tingħata l-marka tal-proġett**? Il-marka għandha tingħata skont il-kriterji uffiċjali tal-assessjar maħruġa mit-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv (EAU). Dawn jinsabu fuq il-websajt tal-Istudji Soċjali fuq il-*Handbook*.

| Marki | Il-kwalità tax-xogħol |
|---|---|
| 17 – 20 | **EĊĊELLENTI**; l-evidenza miġbura (*ritratti, stampi, tpinġijiet, informazzjoni*) hija bosta u ta' forom differenti. L-evidenza hija kollha relevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni (l-introduzzjoni, it-temi prinċipali, il-konklużjoni) ikollhom struttura soda. |
| 13 – 16 | **TAJBA ĦAFNA**; l-evidenza miġbura hija biżżejjed u relevanti biex tispjega l-proġett sew. Il-preżentazzjoni għandha struttura tajba. |
| 9 – 12 | **TAJBA**; l-evidenza miġbura hija biżżejjed u relevanti biex tispjega l-proġett. Il-preżentazzjoni, għalkemm dgħajfa, fiha l-punti prinċipali. |
| 5 – 8 | **MHUX ĦAŻIN**; l-evidenza miġbura hija limitata u nieqsa, minkejja li bosta minnha hija relevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni ma fihiex struttura, imma xi ftit mill-punti prinċipali huma preżenti. |
| 0 – 4 | **FQIRA;** l-evidenza miġbura hija limitata, u bosta minnha mhijiex relevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni ma fiha l-ebda struttura. |

7. **Kif ġew magħżula t-temi tal-proġett?** It-temi kollha jiffurmaw parti mill-blokki ta' tagħlim *core* li fuqhom se jsiru l-eżamijiet annwali ta' Ġunju.

8. **Kif nistgħu nassiguraw ruħna illi l-istudenti jkunu mpenjaw ruħhom fil-proġett?** Fejn l-għalliem għandu evidenza ċara illi l-istudent ma jaf xejn fuq ix-xogħol illi ġie ppreżentat bħala proġett, il-marka tal-proġett m'għandha qatt tkun iżjed minn 5 mill-20 marka li hemm allokati għall-proġett. L-aħjar metodu biex nassiguraw

l-'ownership' huwa li norganizzaw sessjonijiet fejn l-istudenti jispjegaw ix-xogħol li għamlu, jagħmlu preżentazzjonijiet lil sħabhom, jieħdu sehem f' *Show and Tell* u billi l-għalliema jistaqsuhom dwar dak li ppreżentaw.

9. **X'jiġri jekk ikun ċar illi l-istudent ġie mgħejjun ħafna biex sar il-proġett imma fl-istess waqt, huwa jkun kapaċi jitkellem fuq il-proġett qisu għamlu hu?** Ma jitnaqqsux marki. Dan il-każ għandu jitqies bħallikieku l-istudent għamel ir-riċerka u l-prodott finali b'ħafna għajnuna mingħand terzi persuni imma hemm '*ownership*' assolut tal-kontenut min-naħa tal-istudent.

10. **X'jiġri jekk l-istudent jaqbeż il-limiti fit-tul tal-proġett kif indikat fil-linji gwida?** Jekk il-proġett jissodisfa l-kriterji uffiċjali (ara numru 6 hawn fuq) għandna nagħtu l-20 marka. Però dejjem għandna nuru lill-istudenti li meta hemm linji gwida, għandna nippruvaw nosservawhom kemm jista' jkun.

11. **Il-proġett huwa obbligatorju?** Le. Fit-tieni *semester* (bejn Frar u Lulju) l-għalliema u l-istudenti jistgħu jagħżlu jew li jaħdmu fuq proġett jew li jagħmlu t-tieni *fieldwork.*

12. **Minn xiex nieħdu l-ikbar beneficċji, mill-proġett jew mill-fieldwork?** M'hemmx dubju illi l-fieldwork hija attività popolari iktar kemm mal-istudenti kif ukoll mal-għalliema. Imma l-beneficċji li nistgħu nieħdu mir-riċerka u minn sessjonijiet ta' *Show and Tell* marbuta mal-proġettui huma enormi. Għalhekk nissuġġerixxu dejjem it-taħlita. It-tieni *fieldwork* jista' jsir għall-klassi kollha imma fl-istess waqt ikun hemm grupp li jaħdem fuq proġett/i. Allura jista' jkollok min tingħatalu l-marka (minn 20) fuq il-*fieldwork* u min fuq il-proġett.

13. **Sa meta għandu jitlesta l-proġett?** Għandu jibqa' biżżejjed ħin għal diskussjonijiet u preżentazzjonijiet biex l-għalliema jassiguraw l-'ownership' u biex issir reviżjoni tat-temi għall-annwal billi jintużaw anke l-proġetti tal-istudenti. Nissuġġerixxu li l-proġett jitlesta sal-aħħar ta' April, però l-għalliema flimkien mal-SMT jistgħu jagħtu estensjonijiet.

*Joanne Grima – Assistent Direttur Taqsima tal-Assessjar Edukattiv*
*Tony Pace – Uffiċjal Edukattiv (Primarja)*